**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 25 ta` Settembru, 2018**

**Talba Nru: 182/2018PA**

**Marant Food Products Ltd**

**vs**

**Nicholas John Borg Bonaci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-30 ta` April 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li kienet biegħet u kkonsenjat merkanzija lill-konvenut fuq inkariġu tiegħu għall-prezz komplessiv ta` elf, tlett mija, ħamsa u ħamsin Ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,355.48ċ); li l-konvenut ta ċekk lis-soċjeta` attriċi, li pero` ma ġiex onarat mill-bank; li kkomunikat diversi drabi miegħu, inkluż permezz ta` ittra uffiċjali tat-13 ta` April 2016, pero` baqa' ma ħallasx. Għaldaqstant, is-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf, tlett mija, ħamsa u ħamsin Ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,355.48ċ), bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali tat-13 ta` April 2016, u bl-imgħax legali.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja taċ-ċekk maħruġ mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi datat 27 ta` Ottubru 2014 għas-somma mitluba f'din il-

kawża, li baqa' ma ġiex onorat (Dok. MFP1, fol. 5 u 6) u kopja ta` ittra uffiċjali datata 13 ta` April 2016 (Dok. MFP2, fol. 7-8) li baqgħet qatt ma ġiet notifikata lill-konvenut.

Ra li l-konvenut, debitament notifikati bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, ma ppreżentax Risposta.

Ra li, fl-udjenza tal-5 ta` Ġunju 2018, deher il-konvenut assistit, li talab żmien biex jippreżenta Risposta, liema talba kienet milqugħa.

Ra li, minkejja dan, il-konvenut baqa' ma ppreżentax Risposta.

Is-soċjeta` attriċi pproduċiet b'xhud tagħha lill-Operations Manager, Andrew Attard, li spjega li l-prinċipal tiegħu tbiegħ prodotti tal-ikel. Huwa ddikjara li l-konvenut xtatra mingħand is-soċjeta` attriċi prodotti tal-ikel, pero` għaddħielha bi ħlas ċekk li ma ssarrafx. Qal li s-soċjeta` attriċi ppruvat tagħmel kuntatt mal-konvenut, u wara li b'diffikulta` kbira rnexxielha, dan dorta baqa' ma ħallas xejn mis-somma dovuta minnu.

Ra li, fl-udjenza tal-4 ta` Lulju 2018, it-Tribunal iddikjara magħluq l-istadju tal-provi tal-konvenut, minħabba li reġa' naqas li jattendi u jressaq il-provi tiegħu.

Jidħirlu li t-talba tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas tas-somma ta` elf, tlett mija, ħamsa u ħamsin Ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,355.48ċ), tirriżulta pruvata, fuq bilanċ ta` probabiltajiet.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' limitatament it-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf, tlett mija, ħamsa u ħamsin Ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,355.48ċ), bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**